



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 182/21
il-Lussemburgo, 8 ta' Ottubru 2021

Stampa u Informazzjoni

Koen Lenaerts elett mill-ġdid President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Wara t-tibdil parpjali tal-Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja¹, Koen Lenaerts ġie elett mill-ġdid, mill-Membri l-oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja, illum stess, bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-perijodu bejn it-8 ta' Ottubru 2021 u s-6 ta' Ottubru 2024.

Curriculum vitae ta' Koen Lenaerts

President

Biografija u karriera

Imwiedel fl-1954 f'Mortsel (il-Belġju), Koen Lenaerts kiseb diploma fid-dritt fl-1977 fil-Katholieke Universiteit Leuven (Università Kattolika ta' Leuven, il-Belġju) qabel kompla l-istudji tiegħu fil-Harvard University (Università ta' Harvard, l-Istati Uniti). Fejn huwa kiseb it-titoli ta' Master of Laws fl-1978 u ta' Master in Public Administration fl-1979. Lura fil-Katholieke Universiteit Leuven, huwa kiseb dottorat fid-dritt fl-1982.

Kien f'din l-istess università li beda l-karriera professjonali tiegħu fl-1979 bħala assistent, imbagħad professur tad-dritt Ewropew fl-1983. Matul il-karriera akademika tiegħu, huwa għallem ukoll fil-Collège d'Europe fi Bruges (Kulleġġ tal-Ewropa, Bruges, il-Belġju) mill-1984 sal-1989, kif ukoll fil-Harvard Law School (Fakultà tal-Liġi ta' Harvard, l-Istati Uniti), bħala professur mistieden, fl-1989.

K. Lenaerts daħal fis-servizz tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala référendaire mal-Imħallef René Joliet, kariga li okkupa mill-1984 sal-1985, qabel ma pprattiha l-professjoni ta' avukat mill-1986 sal-1989 mal-kamra tal-avukati ta' Brussell.

Huwa nħatar Imħallef fil-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fil-25 ta' Settembru 1989, il-jum li fih ġiet stabilita din il-qorti li kienet għadha kemm inħolqot. Huwa qedha dmiru f'din il-kariga għal iktar minn erbatax-il sena, qabel ma' nħatar Imħallef tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2003. Huwa ġie fdat minn sħabu l-Imħallfin il-kariga ta' President ta' Awla matul żewġ mandati succċessivi, mid-9 ta' Ottubru 2006 sat-8 ta' Ottubru 2012, imbagħad il-kariga ta' Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-9 ta' Ottubru 2012.

Huwa ġie elett President tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Ottubru 2015 u minn dakħinhar ilu jaqdi dmiru f'din il-kariga.

Affiljazzjonijiet ma' fondazzjonijiet, organi jew stabbilimenti fl-oqsma legali, kulturali, artistiċi, soċċiali, sportivi jew ta' karitā

Membru tal-Academia Europaea, Londra (ir-Renju Unit)

Membru tal-Advisory Council tal-British Institute of International and Comparative Law

¹ Ara l-Istqarrija għall-istampa [Nru 181/21](#) tas-7 ta' Ottubru 2021.

Membru tal-Advisory Board tas-Centre of Law and Governance in Europe, University College Londra

Membru tal-Conseil de la Fondation de l'Académie de Droit européen (ERA), Trier (il-Ġermanja)

Membru tal-Curatorium tal-Max-Planck-Institut für ausländisches öffentliches Recht und Völkerrecht, Heidelberg (il-Ġermanja)

Membru tal-kumitat editorjali tal-Europarecht

Membru tal-kumitat editorjali tal-European Law Review

Membru tal-kumitat editorjali tal-International Comparative Jurisprudence, Mykolo Romerio universitetas

Membru tal-kumitat editorjali tas-S.E.W. Tijdschrift voor Europees en economisch recht

Membru tal-kumitat xjentifiku tal-Cahiers de droit européen

Membru tal-kumitat xjentifiku tal-Columbia Journal of European Law

Membru tal-kumitat xjentifiku tal-European Constitutional Law Review

Membru tal-kumitat xjentifiku tal-European Public Law

Membru tal-kumitat xjentifiku tal-Europejski Przegląd Sądowy

Membru tal-kumitat editorjali ta' L'actualidad administrativa

Membru tal-kumitat editorjali tal-EStAL (European State Aid Law Quarterly)

Membru tal-kumitat xjentifiku tal-European Journal of Human Rights

Membru tal-kumitat xjentifiku tal-Lex ET Scientia International Journal (LESIJ), Universitatea Nicolae Titulescu din Bucuresti (ir-Rumanija)

Membru tal-kumitat xjentifiku tal-Concurrences, Revue des droits de la concurrence

Membru tal-kumitat xjentifiku tal-World Competition Law and Economics Review

Membru tal-Advisory Board tal-EU Tax Review

Membru tal-kumitat onorarju tar-Revista Română de Drept European

Titoli u onorifiċenzi

Titolu ta' nobbiltà: Baron (2005)

Distinguished Helen DeRoy Fellow, University of Michigan Law School (2005)

Honorary Master of the Bench of the Inner Temple, Londra (2010)

Dottorat honoris causa, université de Poitiers (2016)

Dottorat honoris causa, Mykolo Romerio universitetas (2017)

Dottorat honoris causa, université de Namur (2017)

Dottorat honoris causa, Universitatea Nicolae Titulescu din Bucuresti (2017)

All European Academies Madame de Staël Prize for Cultural Values (2017)

Dottorat honoris causa, Sofijski universitet “Sveti Kliment Ohridski” (2018)

Dottorat honoris causa, Universiteti European i Tiranës (2018)

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355